# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Novembru, 2023**

**Numru**

**Rikors Numru 347/21TA**

**Suzanne Mifsud (K.I. 576763M) u b'digriet tas-16 ta' Novembru 2023 il-kunjom Mifsud ġie mibdul ghal Attard**

**vs**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi; u,**

**għal kull interess li jistgħu jkollhom:**

**Citypro Limited (C 26902); u**

**Edgar Mifsud (ID 402463M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat preżentat minn Suzanne Attard (ir-rikorrenti) tad-19 ta' April 2021, li permezz tiegħu premettiet u talbet is-segwenti:

"<u>IL-FATTI</u>

1. Illi l-esponenti sabet kopja tal-ittra uffiċjali numru 3799/2020 datata t-13 ta' Novembru 2020 "(Dok. "A") u Rikors fejn intalab li l-hemm

indikati intimati (fosthom l-esponenti) jiġu notifikati bl-istess preċitata ittra uffiċjali bil-proċedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni (Dok. "B") imwaħħlin mal-bieb ta' barra tar-residenza tagħha;

2. Illi bl-istess ittra uffiċjali numru 3799/2020 datata t-13 ta' Novembru 2020 (Dok. "A") l-attriċi u l-intimati l-oħra hemm indikati, ġew interpellati jħallsu s-somma ta' sittax-il elf, tmien mija u wieħed u disgħin Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€16,891,59) allegatament rappreżentanti ammont dovut mill-hemm imsemmija intimati, *pro et noe*, bħala Taxxa fu il-Valur Miżjud skont l-istess Att, bl-ispejjeż u bl-imgħħax skont dak l-Att sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi l-preċitata ittra uffiċjali (Dok. "A") avżat ukoll illi dik l-interpellanza kienet qed issir għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u partikolarment, iżda mhux esklussivament, sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li għandu l-istess Kummissarju tat-Taxxi kontra l-hemm indikati intimati (fosthom l-attriċi), allegatament permezz ta' l-Avviż li intbagħat lil hemm indikati intimati;

4. Illi kif ser jiġi ppruvat mill-esponenti fil-mori tal-proċeduri odjerni t-talba tal-Kummissarju konvenut magħmula fl-ittra uffiċjali numru 3799/2020 datata t-13 ta' Novembru 2020 (Dok. "A") hija waħda irrita u nulla u nfondata kemm fil-fatt u kif ukoll fi dritt u kwalunkwe somma allegatament likwidata mill-Kummissarju konvenut hija daqstant ieħor infondata fil-fatt u fid-dritt;

5. Illi inoltre, l-attriċi qatt ma rċeviet l-Avviż li l-Kummissarju intimat qed jallega li ntbagħat lill-hemm indikati intimati;

6. Illi inoltre kif ser jiġi ppruvat mill-esponenti fil-mori tal-proċeduri odjerni l-attriċi u l-konvenut Edgar Mifsud preżentement (u ilhom) jinsabu *de facto* mifruda minn xulxin u kompriż fil-kommunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom hemm l-ishma kollha tas-soċjeta' CityPro Limited (C26902) illi ġiet reġistrata fil-5 ta' Settembru 2000 illi minnhom l-esponenti għandha għaxar (10) sehem reġistrati f'isimha filwaqt illi reġistrati f'isem fl-istess intimat Edgar Mifsud hemm disa mija u disgħin (990) sehem ordinarju;

7. Illi fit-3 ta' Ġunju 2014 l-attriċi kienet ippreżentat Rikors Ġuramentat quddiem l-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja)(fl-ismijiet: "*Suzanne Attard vs Edgar Mifsud*", numru 119/2014 AGV) fejn talbet li tiġi ppronunzjata s-separazzjoni tal-kontendenti u li l-kommunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom (kompriż l-interita' tal-isha tas-soċjeta' intimata CityPro Limited) jiġi likwidat. Dik il-kawża numru 119/2014 AGV ġiet deċiża minn dik l-Onorabbli Qorti fl-20 ta' Ottubru 2020 iżda l-istess Edgar Mifsud interpona appell mill-istess sentenza, liema appell għad jrid jiġi appuntat;

8. Illi fis-sentenza relattiva li ingħatat fil-kawża numru 119/2014AGV mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-20

t'Ottubru 2020, waqt li kkunsidrat kif l-attriċi ġiet għal kollox eskluża minn CityPro Limited, ġiet deċiża li l-ishma u avvjament ta' CityPro Limited u l-għamara u l-fittings relattivi jiġu assenjati lill-konvenut Edgar Mifsud;

9. Illi hekk kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża, tul dawn l-aħħar snin, saħansitra b'atti skoretti kontinwi, il-konvenut Edgar Mifsud eskluda lill-esponenti mill-ġestjoni tas-soċjeta' ntimata u qed jiġestixxi l-istess soċjeta' intimata b'mod li qed jiġi kkawżat preġudizzju serju, mhux ġust u rrimedjabbli lill-esponenti u lill-istess soċjeta' ntimata;

10. Illi apparti minn hekk l-ammonti pretiżi huma msejsa fuq konsiderazzjonijiet jew kalkoli żbaljati u dan kif ser jiġi ppruvat waqt is-smiegħ tal-kawża;

11. Illi tant huwa l-każ li l-flejjes pretiżi mill-Kumissarju tat-Taxxi ai termini tal-preċitata ittra uffiċjali numru 3799/2020 datata t-13 ta' Novembru 2020 (Dok. "A") huma msejsa fuq konsiderazzjonijiet jew kalkoli żbaljati li l-attriċi lanqas ma ġiet notifikata dwar kif inhi imqassma din is-somma u liema ammont minn dawn il-flejjes pretiżi jirrappreżenta taxxa, liema ammont jirrappreżenta interessi;

12. Illi għalhekk jikkonkorru r-rekwiżiti kollha bil-għan illi l-esponenti ma tkunx tenuta tħallas dak mitlub mill-Kummissarju intimat fl-ittra uffiċjali numru 3799/2020 datata t-13 ta' Novembru 2020 (Dok. "A");

13. Illi apparti minn hekk l-ammonti pretiżi huma msejsa fuq konsiderazzjonijiet jew kalkoli żbaljati u dan kif ser jiġi ppruvat waqt is-smiegħ tal-kawza;

14. Illi għalhekk kella ssir din il-kawża.

<u>IT-TALBA</u>

GĦALDAQSTANT, għar-raġunijiet premessi, u prevja li jingħataw dawk l-ordnijiet, dikjarazzjonijiet u provvedimenti kollha neċessarji u opportuni, jgħidu l-istess konvenuti għaliex m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1) Tiddikjara u tiddeċiedi li t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxi qed jallega li għandu kontra l-intimati indikati fil-preċitata ittra uffiċjali numru 3799/2020 datata t-13 ta' Novembru 2020 (Dok. "A")(fosthom l-attriċi), huwa irritu u null u infondat fil-fatt u fid-dritt u ma għandux stat, żgur fil-konfront tal-attriċi u għalhekk ma jistax jiġi eżegwit fil-konfront tal-attriċi;

2) Tiddikjara u tiddeċiedi li għalhekk, daqstant ieħor hija irrita u nulla t-talba magħmula permezz tal-preċitata ittra uffiċjali numru 3799/2020 datata t-13 ta' Novembru 2020 (Dok. "A") u li għalhekk it-titolu

eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxi qed jallega li għandu kontra l-hemm indikati intimati (fosthom l-attriċi) ma jistax jiġi eżegwit fil-konfront tal-attriċi;

3) Tiddikjara u tiddeċiedi li semmai, jekk tassew hemm xi ammonti minn dak mitlub fil-preċitata ittra uffiċjali numru 3799/2020 datata t-13 ta' Novembru 2020 (Dok. "A") li huma dovuti lill-Kummissarju konvenut, li huma biss il-konvenuti Edgar Mifsud u l-istess CityPro Limited li għandhom jħallsu dak l-ammont hekk dovut.

Bl-ispejjeż, u b'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti skond il-liġi."

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kummissarju tat-Taxxi (l-intimat Kummissarju) tal-24 ta' Mejju 2021 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

"1. **Illi**, permezz tar-rikors promotur tagħha, l-attriċi qiegħda titlob tliet affarjiet, *ossia* li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

*i) Tiddikjara u tiddeċiedi li t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxi qed jallega li għandu kontra l-intimati indikati fil-preċitata ittra uffiċjali numru 3799/2020 datata t-13 ta' Novembru 2020 (Dok. "A" anness mar-rikors promotur) (fosthom l-attriċi), huwa irritu u null u infondat fil-fatt u fid-dritt u ma għandux stat, żgur* [sic] *fil-konfront tal-attriċi u għalhekk ma jistax jiġi eżegwit fil-konfront tal-attriċi;*

*ii) Tiddikjara u tiddeċiedi li għalhekk, daqstant ieħor hija irrita u nulla t-talba magħmula permezz tal-preċitata ittra uffiċjali numru 3799/2020 datata t-13 ta' Novembru 2020 u li għalhekk it-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxi qed jallega li għandu kontra l-hemm indikati (fosthom l-attriċi) ma jistax jiġi eżegwit fil-konfront tal-attriċi;*

*iii) Tiddikjara u tiddeċiedi li semmai, jekk tassew hemm xi ammonti minn dak mitlub fil-preċitata ittra uffiċjali numru 3799/2020 datata t-13 ta' Novembru 2020 li huma dovuti lill-Kummissarju konvenut, li huma biss il-konvenuti Edgar Mifsud u l-istess CityPro Limited li għandhom iħallsu dak l-ammont hekk dovut*.

2. **Illi**, in sostenn tat-talbiet sopraċitati, l-attriċi ssostni s-segwenti premessi (enfasi miżjuda):

*i) Illi l-attriċi **qatt ma rċeviet l-Avviż** li l-Kummissarju intimat qed jallega li ntbagħat lill-intimati indikati* (punt 5 tar-rikors promotur);

*ii) Illi **l-attriċi u l-konvenut Edgar Mifsud preżentement (u ilhom) jinsabu de facto mifruda** minn xulxin u kompriż fil-komunjoni tal-akkwisti*

*ta' bejniethom hemm l-ishma kollha tas-soċjetà Citypro Limited (C26902), u li fit-3 ta' Ġunju 2014, l-attriċi ippreżentat rikors għas-separazzjoni u għal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, liema rikors wassal għal sentenza deċiża mill-Qorti tal-Familja fl-20 ta' Ottubru 2020 li assenjat l-avvjament ta' CityPro Limited lill-konvenut Edgar Mifsud bl-esklużjoni tal-attriċi. Madankollu din is-sentenza ġiet appellata mill-istess Edgar Mifsud u preżentament dan l-appell għadu pendenti* (punti 6 sa 8 tar-rikors promotur);

*iii) Illi b'atti skorretti kontinwi, il-konvenut* ***Edgar Mifsud eskluda lill-attriċi mill-ġestjoni tas-soċjetà intimata*** *u qed jiġġestixxi l-istess soċjetà intimata b'mod li qed jiġi kkawżat preġudizzju serju, mhux ġust u irrimedjabbli lill-attriċi u lill-istess soċjetà intimata* (punt 9 tar-rikors promotur);

*iv) Illi* ***l-ammonti pretiżi huma msejsa fuq konsiderazzjonijiet jew kalkoli żbaljati*** *u li tant hu hekk illi l-attriċi lanqas ma ġiet notifikata dwar kif inhi mqassma din is-somma u liema ammont minn dawn il-flejjes pretiżi jirrappreżenta taxxa, taxxa addizzjonali u interessi* (punti 10, 11 u 13 tar-rikors promotur);

3. **Illi**, għall-finijiet ta' ordni, l-esponent sejjer iwieġeb għal dawn l-allegazzjonijiet waħda waħda skont l-ordni li saru bih fir-rikors promotur;

***L-allegazzjoni li l-attriċi qatt ma rċeviet l-Avviż***

4. **Illi** din l-allegazzjoni tista' faċilment tiġi ppruvata falza peress li, wara li l-avviż intbagħat u baqa' *unclaimed* (*ara l-pink card tal-MaltaPost hawn annessa u mmarkata* **Dok. A**), l-esponent ippubblika l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern u f'żewġ gazzetti lokali (*hawn annessi bħala* **Dok B**, **Dok C** u **Dok D**), u dan skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 73 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta li, *inter alia,* tipprevedi li:

"*meta dik in-notifika ma sseħħx minħabba li dik il-persuna ma tkunx tista' tinstab jew minħabba raġunijiet oħra attribwibbli għal dik il-persuna u l-Kummissarju jippubblika avviż fil-Gazzetta u f'xi ġurnal wieħed jew iktar ta' kuljum fejn jiddikjara li dak l-avviż ikun sar u li fih jistieden lil dik il-persuna biex tmur tiġborha kif u fejn jindikalha l-Kummissarju, dik in-notifika għandha wkoll titqies li tkun ġiet debitament notifikata fid-data tad-debita publikazzjoni f'ġurnal ta' kuljum*"

5. **Illi** għalhekk l-attriċi ġiet debitament innotifikata skont il-liġi;

***Is-separazzjoni de facto bejn l-attriċi u Edgar Mifsud***

6. **Illi**, kif indikat l-attriċi stess fir-rikors promotur tagħha, id-deċiżjoni dwar il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejnha u bejn żewġha preżentament tinsab taħt appell u għaldaqstant ma tistax tiġi invokata f'din il-kawża;

7. **Illi**, irrispettivament mis-sitwazzjoni matrimonjali tagħha, l-attriċi kienet u għadha direttriċi tal-kumpanija Citypro Limited (C 26902) (*ara screenshot mis-sit tal-Malta Business Registry fejn hija indikata bħala direttriċi, hawn annessa u mmarkata* **Dok E**);

8. **Illi**, għaldaqstant, l-attriċi għandha responsabbiltà solidali għat-taxxa u d-dejn tal-kumpanija u dan kif jiddisponi l-Artikolu 66 ta' Kap. 406, li, *inter alia*, jipprevedi hekk:

"66. (1) *Kull segretarju, manager, direttur, stralċjarju jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' enti jew korp ta' persuni, kull werriet u eżekutur testamentarju u kull kuratur tal-eredità vakanti ta' persuna mejta, u kull min ikun tutur, kuratur, amministratur jew trustee ta' xi persuna oħra jew ta' xi trust, fund, jew enti ieħor għandu jkun rappreżentant, għall-għanijiet ta' dan l-Att, ta' dak il-korp ta' persuni, persuna mejta, persuna oħra, trust, fund jew enti ieħor, skont il-każ.*

[...]

(3) (a) *Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (5) rappreżentant ta' persuna ikun responsabbli bl-istess mod u sa l-istess limitu bħal dik il-persuna li jkun qiegħed jirrappreżenta għall-obbligazzjonijiet kollha imposti b'dan l-Att jew bis-saħħa tiegħu.*

(b) *Kull ħaġa li ssir jew tonqos milli ssir minn rappreżentant li jaġixxi f'dik il-kariga għandha titqies għall-għanijiet ta' dan l-Att li tkun saret jew naqset milli ssir mill-persuna li huwa jkun qiegħed jirrappreżenta.*"

***L-allegazzjoni li Edgar Mifsud eskluda lill-attriċi mill-ġestjoni tas-soċjetà intimata***

9. **Illi**, ma huwiex ċar fejn l-attriċi tixtieq tasal permezz ta' din l-allegazzjoni. Bħala direttriċi hija kellha u għandha d-drittijiet u d-dmirijiet inerenti fil-kariga. Jekk kien hemm aġir illeċtu da parti ta' żewġha bħala ko-direttur, hija setgħet tieħu l-passi xierqa biex tindirizza dawn in-nuqqasijiet meta saret taf bihom, u mhux tittenta tużahom illum biex teżimi ruħha minn kull responsabbiltà li fil-fatt għandha għall-ħlas tat-taxxa tal-kumpanija;

10. **Illi**, fi kwalunkwe każ, dawn l-allegazzjonijiet u l-impatt attwali tagħhom fuq ir-responsabbiltà tal-attriċi jridu jiġu ppruvati minnha u mhux sempliċiment insinwati;

***L-allegazzjoni li l-ammonti pretiżi huma msejsa fuq konsiderazzjonijiet jew kalkoli żbaljati***

11. **Illi,** l-Avviż iddatat il-ħdax (11) ta' Ġunju, tas-sena elfejn u għoxrin (2020), fil-fatt, jinkludi *breakdown* ċara tat-taxxa dovuta, tal-interess dovut u tal-penali, flimkien mal-perijodi koperti (*ara l-Avviż hawn anness u mmarkat* **Dok F**). Dan l-Avviż, debitament innotifikat, ġie reż eżegwibbli in

segwitu għall-ittra uffiċċjali Nru. 3799/2020 ppreżentata fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-tlettax (13) ta' Novembru, tas-sena elfejn u għoxrin (2020) (*annessa mar-rikors promotur u hemm immarkata* Dok A);

12. **Illi**, kull persuna, inkluż l-attriċi, li tixtieq tikkontesta l-*quantum* tat-taxxa kkalkolata f'avviż, inkluż il-penali, tista' tinterponi appell quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva u dan *ai terimini* tal-Artikolu 43 ta' Kap. 406;

13. **Illi**, fid-dawl tal-fatt li l-attriċi tiċċita "*konsiderazzjonijiet jew kalkoli żbaljati*" tliet darbiet fil-premessi Nri 10, 11 u 13 tar-rikors promotur tagħha, l-esponent jifhem li hija allura qiegħda direttament tattakka l-kalkolu tat-taxxa fl-Avviż inkwistjoni. Dan, fl-umli fehma tal-esponent Kummissarju tat-Taxxi, ifisser li din l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ma hijiex il-*forum* adegwat għal din il-kontestazzjoni. Azzjoni bħal din kellha ssir quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva.

***Konklużjoni***

14. **Illi**, għaldaqstant, is-sustanza tal-premessi kollha li fuqhom huma mibnija t-talbiet attriċi huma lkoll skorretti u infondati, kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u għalhekk l-esponent Kummissarju tat-Taxxi umilment jishaq li din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet kollha attriċi bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kollha applikabbli skont il-liġi kontriha.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi.

L-attriċi hija inġunta minn issa stess għas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Edgar Mifsud (l-initimat Mifsud) u Citypro Limited (is-Socjeta' intimata) tal-21 ta' Marzu 2022 permezz tagħha wieġbu s-segwenti:-

"1. Illi l-esponenti ma ġewx notifikati la bl-ittra uffiċjali li hemm annessa mar-rikors ġuramentat tal-attriċi, immarkata bħala 'Dok A', u wisq anqas bl-avviż li tali Kummissarju tat-Taxxi jagħmel referenza għalih, u għalhekk ċertament li l-ebda titolu eżekuttiv m'huwa reż eżegwibbli kontra l-esponenti.

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti ġew inklużi f'dawn il-proċeduri inutilment u sempliċiment bħala pika da parti tar-rikorrenti li l-unika animu tagħha huwa li tkompli tiftaħ il-kawżi kontra l-esponent Edgar Mifsud u ddaħħlu fi spejjeż eżorbitanti, inutilment.

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-deċiżjoni li tagħmel referenza għaliha r-rikorrenti fir-rikors ġuramentat tagħha, għadha m'hijiex *res judicata* u għalhekk sal-ġurnata ta' llum hi għadha waħda mid-diretturi tas-soċjeta' Citypro Limited.

4. Illi ma tistax ir-rikorrenti taħrab mill-obbligi u r-responsabilitajiet tagħha sempliciment għax skont hi, m'għadhiex direttriċi f'tali soċjeta', iżda joħroġ biċ-ċar li ġialadarba hi għadha direttur tal-istess soċjeta', hi għadha responsabbli daqs l-esponent Edgar Mifsud għat-tmexxija tal-istess. Anke jekk kemm-il darba r-rikorrenti ma tibqax direttur tal-istess soċjeta', ma jfissirx li l-obbligi naxxenti minn tali kariga, jintemmu mar-riżenji tagħha, u dan fid-dawl tal-fatt illi skont il-Kummissarju tat-Taxxi, tali ammont huwa dovut għal perjodu, li waqtu hija kienet direttur tal-istess soċjeta'.

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jikkontendu li d-denunzji ma ġewx ippreżentati mis-soċjeta' esponenti, stante illi l-attriċi Suzanne Attard irrifjutat li tiffirma l-ahhar *audited account* tas-soċjeta' Citypro Limited għax m'għoġbuhiex il-figuri li juru tali *audited accounts*, hekk kif iċċertifikati minn awditur. L-unika raġuni għalfejn Suzanne Attard naqset milli tiffirm tali *audited accounts* hija l-pika li ħolqot bejnha u bejn Edgar Mifsud, fejn hi ilha tagħmel minn kollox biex twassal lis-soċjeta' Citypro Limited biex tiġi stralċjata. Ma tistax ir-rikorrenti tgħid li kważi kważi hi m'għadhiex id-direttur tas-soċjeta'surriferita – u dan sabiex tittanta taħrab mill-obbligi tagħha – u fl-istess waqt, tuża kull arma disponibli għaliha bħala direttur ta' soċjeta', biex twaqqaf tali soċjeta' milli topera.

6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jirriservaw id-dritt tagħhom li jikkontestaw l-ammonti li l-Kummissarju tat-Taxxi jallega li huma dovuti, u dan għaliex ċertament li s-soċjeta' esponenti ma kinitx tagħmel profitti li l-Kummissarju tat-Taxxi ikkalkula fuqu l-ammont, li skont hu, huwa dovut lilu.

7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-tielet talba attriċi hija privi minn kull fundament ġuridiku u fattwali u dan għaliex jekk kemm-il darba l-ammont allegat dovut mill-Kumissarju tat-Taxxi huwa dovut, m'hemm l-ebda raġuni għalfejn dan għandu jiġi meqjus li huwa dovut esklussivament mill-esponenti u mhux mill-attriċi wkoll.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Qrat ix-xhieda li ġew imressqin mill-partijiet.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-20 ta' Ġunju 2023, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Punti ta'fatti**

**1.** B'din l-azzjoni r-rikorrenti qed tattakka t-titolu eżekuttiv li l-Intimat Kummissarju qed jallega li għandu kontra tagħha fl-Ittra Uffiċjali numru 3799/2020, datata 13 ta' Novembru 2020, notifikata lilha bil-proċedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni (ara fol 5 u 6).

**2.** Permezz ta' din l-Ittra Uffiċjali, l-Intimat Kummissarju interpella lir-rikorrenti u l-bqija tal-intimati sabiex, ai termini ta' l-Artikolu 59 ta' l-Att XXIII ta' l-1998, iħallsu l-ammont ta' €16,891.59, rappreżentanti ammont dovut minnhom, pro et noe, bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud skond l-istess Att.

**3.** Fl-istess Ittra Uffiċjali l-Intimat Kummissarju ddikjara li "*Din l-interpellanza qed issir…sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li għandu l-istess Kummissarju tat-Taxxi kontra tagħkom permezz ta' l-Avviż li ntbagħat lilkom*."

**4.** B'din l-azzjoni, r-rikorrenti qed titlob lil din il-Qorti tiddikjara li l-ittra uffiċjali in kwistjoni bħala irrita u nulla, infondata fil-fatt u fid-dritt u li m'għandhiex stat fil-konfront tagħha, kif ukoll li, konsegwentement, it-titolu eżekuttiv hemm vantat ma jistax jiġi eżegwit fil-konfront tagħha. Dan fuq ir-raġunijiet segwenti:

1. Ir-rikorrenti qatt ma rċieviet l-Avviż li l-Kummissarju intimat qed jallega li ntbagħat lilha (ara premessa 5 u 11);
2. Hija ma kellhiex flus jew proprjetá tas-soċjetá CityPro Limited taħt it-tmexxija jew kontroll tagħha (ara premessi 6 sa 9);
3. L-ammonti pretiżi huma msejsa fuq konsiderazzjonijiet jew kalkoli żbaljati (ara premessa 10 u 13).

**Punti ta' Liġi**

**5.** Il-proċedura kontemplata fl-artikolu 59 tal-Kap. 406, riferut mill-Intimat Kummissarju fl-Ittra uffiċjali hawn kontestata, jeżiġi dan li ġej:-

"• *Meta l-Kummissarju tat-Taxxi johrog Avviz fil-konfront ta' taxpayer dwar taxxa u penali amministrattiva dovuti, dak l-Avviz jikkostitwixxi titolu ezekuttiv kemm-il darba dak fih indikat ma jigix kontradett mill-istess taxpayer;*

• *In segwitu ghall-hrug ta' tali Avviz u fin-nuqqas ta' hlas, il-Kummissarju johrog Nota ta' Talba ghall-Hlas (Demand Note) fejn mill-gdid issir interpellazzjoni ghall-hlas ta' dak dovut skond l-Avviz;*

• *Jekk ma jsirx hlas entro tletin gurnata min-notifika tan-Nota ta' Talba ghall-Hlas, il-Kummissarju tat-Taxxi jista' jipprocedi ghall-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ottenut fil-konfront tat-taxpayer, liema esekuzzjoni tista' ssehh biss wara jumejn min-notifika ta' ittra ufficjali interpellatorja.*" (Ara **XXX vs Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, 24 ta' April 2017**).

**6.** Hekk kif ġie kemm il-darba stabbilit, biex l-Intimat Kummissarju jista' jivvanta titolu eżekuttiv kontra r-rikorrenti permezz ta' Ittra Uffiċjali mibgħuta a' tenur tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406, "*Il-liġi* [permezz ta' l-istess artikolu] *trid li kontra min se jittieħdu proċeduri eżekuttivi għall-ħlas tat-taxxa jrid l-ewwel jiġi* <u>*mitlub*</u> *iħallas bil-mezz ta' nota ta' talba għall ħlas, u wara jiġi* <u>*notifikat*</u> *b'att ġudizzjarju.*" (**Frank X. Fenech v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Qorti tal-Appell, 29 ta' Novembru 2013**). "[S]*abiex ikunu jistghu jittiehdu proceduri ezekuttivi kontra rapprezentant ta' socjetà kummercjali a bazi tal-Artikolu 66 tal-Kap. 406, ikun irid jirrizulta li ntbaghtu kemm lis-socjetà kummercjali, bhala debitur principali, kif ukoll lilu personalment, l-istima tat-taxxa avviz relattiv, li jaghtu l-possibbilità li jigu kkontestati l-pretensjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxa. (Ara f'dan is-sens is-***Sentenza tas-26 t'April, 2013, fil-kawza fl-ismijiet Victor Zammit v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud et***). Sakemm ma jirrizultax li kemm id-debitur principali, kif ukoll id-direttur bhala rapprezentant taghha, wara li gew debitament notifikati, nghataw il-possibbilità li jappellaw u jikkontestaw il-pretensjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxa, il-Kummissarju appellant m'ghandux johrog "demand notice"*" (**BNF Bank plc ġja Banif Bank (Malta) plc vs Comprod Group Ltd et, Qorti tal-Appell, 11 ta' Ġunju 2018**). Tabilħaqq, "*sabiex l-intimat seta` jipprocedi bil-presentata (u eventwali notifika) tal-att gudizzjarju kontra r-rikorrent de proprio skond l-Art.59(2) huwa kien fl-obbligu li jassikura li jaghmel notifika tan-nota ta` hlas lir-rikorrent de proprio skond l-ewwel*

*parti tal-Art.59(2).*" (**Carmelo Bonello vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud**, **Qorti Ċivili Prim' Awla, 11 ta' Lulju 2013**).

"*Ma hemmx dubju li una volta li l-Avviz mahrug mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tat-taxpayer jsir titolu ezekuttiv, il-quantum ta' dak l-Avviz difficilment ikun jista jigi kontestat. Lanqas ma hemm dubju li una volta li tinhareg ittra ufficjali ghall-esekuzzjoni ta' dak it-titolu ezekuttiv, il-persuna interpellata ghall-hlas ikollha tidderigi kwalunkwe kontestazzjoni li ghandha fir-rigward ta' dik l-esekuzzjoni quddiem il-Qorti komptetenti u mhux quddiem dan it-Tribunal. Fir-rigward ta' dan hawn appena osservat issir referenza, fost ohrajn, ghas-sentenzi fl-ismijiet* ***Anthony Mario Vella v. Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) Rik. Nru. 98/13*** *deciza minn dan it-Tribunal fit-8 ta' Ottubru 2013 u* ***Aluminium Extrusions Limited et v. Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) Rik. Nru. 86/13*** *deciza minn dan it-Tribunal fit-8 ta' Ottubru 2013 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) b'sentenza pronuncjata fis-27 ta' April 2016.* (**XXX vs Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud)** ġia ċitata supra)

**Konsiderazzjonijiet**

**7.** Il-Qorti se tibda biex tikkunsidra t-talba tar-rikorrenti kif ibbażata fuq il-premessa li hija qatt ma rċieviet l-Avviż li l-Kummissarju intimat qed jallega li ntbagħat lilha (ara premessa 5 u 11).

**8.** Fl-eċċezzjoni numru 4, il-Kummissarju rribatta din il-premessa billi ssolleva li huwa fil-fatt bagħat l-Avviż lir-rikorrenti u, wara li baqgħa minnha ma nġabarx, ippubblika l-istess fil-Gazzetta tal-Gvern u f'żewġ gazzetti lokali skont il-proċedura prevista fl-artikolu 73 tal-Kap. 406.

**9.** Il-Kummissarju pprova dak minnu eċċepiet bil-preżentata tal-pink card tal-MaltaPost markata Dok A (a' fol 21) fejn turi li l-Avviż datat 11 ta' Ġunju 2020 (a' fol 26) intbgħat lilha fl-istess jum fl-indirizz personali tagħha li huwa dak indikat mir-rikorrenti stess fir-Rikors promotur preżentat minnha (ara fol 4). L-intimat Kummissarju preżenta wkoll kopja tal-Gazzetta tal-Gvern datata 21 ta' Awwissu 2020 (Dok B a' fol 22), tal-gazzetta 'The Malta Independent' datata 28 ta' Awwissu 2020 (Dok C a' fol 23) u tal-gazzetta 'In-Nazzjon' datata 25 ta' Settembru 2020 (Dok D a' fol 24) permezz ta' liema r-rikorrenti ġiet, flimkien mal-bqija tal-intimati, notifikata bl-avviż għall-ħlas ta' taxxa, penali u interessi skont l-Artikolu 59 tal-Kap. 406 bil-mod kif jiddisponi l-proviso tal-artikolu 58(3) u l-artikolu 73(2) tal-istess Kap.

**10.** Ġie għalhekk ampjament pruvat li l-Avviż ħareġ, intbagħat u ġie fil-fatt notifikat, mhux biss lis-Soċjetá intimata, iżda wkoll lir-rikorrenti personalment. Għaldaqstant it-talba kif ibbażata fuq din il-premessa ma hiex ġusitifikata u sejra għalhekk tiġi miċħuda.

**11.** Il-Qorti sejra konsegwentement tiċħad ukoll it-talba tar-rikorrenti kif ibbażata fuq il-premessa li l-ammonti pretiżi mill-tntimat Kummissarju

huma msejsa fuq konsiderazzjonijiet jew kalkoli żbaljati (ara premessa 10 u 13). Dan għaliex, b'applikazzjoni tal-artikolu 59(1) u tal-kunsiderazzjonijiet legali supra, la darba ġie ppruvat li r-rikorrenti ġiet debitament notifikata bl-Avviż u ma appellatx kontrih fi-żmien mogħti mill-liġi, l-istess sar titolu eżekuttiv. Għaldaqstant, l-intimat Kummissarju jista' kif hekk għamel, jiġbor dak il-ħlas wara jumejn minn notifika tal-ittra uffiċjali in kwistjoni, skont id-dispost tal-artikolu 59(2) tal-Kap. imsemmi.

**12.** Jibqa' għalhekk għal Qorti li tikkonsidra t-talba tar-rikorrenti kif ibbażata fuq il-premessa li hija ma kellhiex flus jew proprjetá tas-Soċjetá intimata taħt it-tmexxija jew kontroll tagħha (ara premessi 6 sa 9).

**13.** L-intimat Kummissarju jeċċepixxi f'dan ir-rigward li r-rikorrenti, qua direttriċi tas-Socjeta ntimata Citypro Limited hekk kif jirrizulta mis-sit tal-Malta Business Registry (ara screenshot Dok E a' fol 25), għandha responsabbiltá solidali għat-taxxa u d-dejn tal-istess kumpanija hekk kif jiddisponi l-Artikolu 66 tal-kap. 406 (ara eċċezzjoni numru 8).

**14.** Kif ġia rikonoxxut, "*dan l-artikolu ipoggi lid-diretturi tal-kumpanija kif inhu Charles Zahra* [kif ukoll ir-rikorrenti Suzanne Attard] *fl-istess pozizzjoni tal-kumpanija u responsabbli bhala u in solidum maghha ghall-obbligazzjonijiet tal-kumpanija.* ***<u>L-uniku mod kif id-direttur jista' jehles minn din ir-responsabilita hu billi</u>*** [a tenur tas-sub-inċiż 5 tal-istess artikolu 66] ***<u>juri li ikun agixxa in buona fede u ma jkunx qieghed xjentement jiddisponi mill-flus u proprjeta tal-kumpanija b'mod li ma</u>***

***jibqalux bizzejjed ghal hlas ta' kull taxxa dovuta, jew xjentement jevadi l-obbligazzjonijiet tieghu taht dan l-Att. Din hi prova li trid issir mill-istess direttur biex jezimi ruhu mill-obbligu solidali mal-kumpanija.***" (Ara Sentenza fl-ismijiet **Rees Furniture Company Limited et -vs- Direttur Generali tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud illum Kummissarju tat-Taxxi**, **Qorti Ċivili Prim' Awla, 2 ta' Ottubru 2012, konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Lulju 2017**).

**15.** Mil-provi dettaljati prodotti mir-rikorrenti jirriżulta inkontestat li, matul il-perjodu li jkopri l-ammont ta' taxxa dovuta, żewġha ċaħħadha għal kollox mit-twettiq tal-obbligi tagħha qua direttrici tal-Kumpannija, inkluż mil-kontroll tal-assi ta' l-istess. Dan billi żammha għal kollox priva mill-aċċess għan-negozju u d-dokumenti tal-kumpannija msemmija (ara nota sottomissjoni a' fol 439 sa 445).

**16.** Di più, bis-sentenza mogħtija fil-mori ta' dawn il-proċeduri, preċiżament fit-22 ta' Ġunju 2023, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat in toto s-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tal-20 ta' Ottubru 2020 li, fil-likwidazzjoni minnha tal-komunjoni tal-akkwisti, assenjat l-ishma u l-avvjament tal-kumpannija in kwistjoni CityPro Limited lill-Intimat Edgar Mifsud, żewġ ir-Rikorrenti (din qiegħda tiġi hawn annessa ai kull buon fini billi ma ġietx pubblikata fl-internet fuq ordni tal-Qorti).

**17.** Il-Qorti għaldaqstant tqis li r-rikorrenti rnexxielha tissodisfa ampjament l-oneru tal-prova inkombenti fuqha taħt l-artikolu 66(5) tal-

Kap. 406, ossia li jissussistu l-elementi hemm stipulati għall-eżoneru ta' kwalunkwe responsabilità tagħha *qua* direttriċi tal-kumpanija versu l-obbligazzjonijiet fiskali ta' l-istess kumpanija fiż-żmien rilevanti.

**18.** Dan għaliex ladarba jirriżulta sodisfaċentement provat, li r-rikorrenti ma kellhiex taħt it-tmexxija jew kontroll tagħha flus jew proprjetá tal-kumpannija, hija ma setgħetx tiddisponi minn dawk il-flus jew proprjetá mingħajr ma ħasbet biżżejjed għal kull taxxa dovuta taħt il-Kap. 406. Isegwi għalhekk li r-Rikorrenti qatt ma setgħet xjentement taġixxi bi vjolazzjoni tal-artikolu 66(4) tal-Kap. 406. Di fatti ma hemm xejn fl-atti li b'xi mod jitfa' dubbju fuq il-buona fede tar-rikorrenti. Din anzi qatt ma jidher li ġiet dubitata, mill-istess intimat Kummissarju.

**19.** Il-Qorti għaldaqstant tikkonkludi li għandha tapplika fil-każ tar-rikorrenti l-limitazzjoni tar-responsabbiltá stabbilita fl-artikolu 66(5) tal-kap. 406. Konsegwentement ir-rikorrenti hija ġustifikata fl-asserzjoni li hi ma tistax tinżamm responsabbli flimkien mal-Kumpannija CityPro Limited għat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud dovuta lill-Intimat Kummissarju.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,

**Tiċħad l-ewwel talba Attriċi,**

**Tiċħad it-tieni talba Attriċi,**

**Tiċħad it-tmien eċċezzjoni tal-Intimat Kummissarju tat-Taxxi,** u konsegwentement,

**Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti** billi tiddikjara li, b'applikazzjoni tal-artikolu 66(5) tal-kap. 406, l-istess rikorrenti ma hijiex solidalment responsabbli għat-taxxa u d-dejn tas-soċjetá Intimata a tenur tal-artikolu 66(1) tal-istess Kap u li għalhekk l-ammonti mitluba huma biss dovuti mill-konvenut Edgar Mifsud u s-soċjeta' Citypro Limited.

L-ispejjez tal-kawża jitħallsu mill-intimat Kummissarju.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**

Annessa:- Kopja tas-entenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2023 fl-ismijiet "*Suzanne Attard vs Edgar Mifsud*".